## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fid-19 ta' Diċembru 2016 – Hitachi Rail Italy Investments Srl vs Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)

**(Kawża C-655/16)**

(2017/C 121/14)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Hitachi Rail Italy Investments Srl

*Konvenuta:* Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)

### Domanda preliminari

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, fuq offerti ta' xiri ([1]), fid-dawl tal-prinċipji ġenerali previsti mill-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, kif ukoll tal-applikazzjoni korretta tal-prinċipji ġenerali tad-dritt Ewropew ta' ċertezza legali, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' proporzjonalità, ta' raġonevolezza, ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni, jipprekludi leġizlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 106(3)(d)(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998 (liġi kkonsolidata tad-dispożizzjonijiet fil-qasam ta' intermedjazzjoni finanzjarja, fis-sens tal-Artikoli 8 u 21 tal-Liġi Nru 52 tas-6 ta' Frar 1996), kif emendat, u bħall-Artikolu 47 *octies* tad-deċiżjoni tal-Commissione Nazionale per le Società e la Borsa – Consob Nru 11971, tal-14 ta' Mejju 1999 (regolament ta' applikazzjoni tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998, dwar ir-regolamentazzjoni tal-emittenti), kif emendata, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu lill-Consob iżżid il-prezz tal-offerta pubblika ta' xiri, prevista fl-Artikolu 106 imsemmi hawn fuq meta tkun issodisfatta l-kundizzjoni li tgħid li "kien hemm kollużjoni bejn l-offerent jew il-persuni li jaġixxu bi ftehim ma' dan tal-aħħar u bejjiegħ wieħed jew iktar", mingħajr ma tispeċifika l-aġir speċifiku li jikkostitwixxi dan il-kunċett ta' kollużjoni, u għaldaqstant mingħajr ma tiddetermina b'mod ċar iċ-ċirkustanzi u l-kriterji li fil-preżenza tagħhom il-Consob hija awtorizzata żżid il-prezz tal-offerta pubblika ta' xiri?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 20.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fid-19 ta' Diċembru 2016 – Finmeccanica SpA vs Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)

**(Kawża C-656/16)**

(2017/C 121/15)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Finmeccanica SpA

*Konvenuta:* Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)

**Domanda preliminari**

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, fuq offerti ta' xiri ([1]), fid-dawl tal-prinċipji ġenerali previsti mill-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, kif ukoll tal-applikazzjoni korretta tal-prinċipji ġenerali tad-dritt Ewropew ta' ċertezza legali, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' proporzjonalità, ta' raġonevolezza, ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni, jipprekludi leġizlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 106(3)(d)(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998 (liġi kkonsolidata tad-dispożizzjonijiet fil-qasam ta' intermedjazzjoni finanzjarja, fis-sens tal-Artikoli 8 u 21 tal-Liġi Nru 52 tas-6 ta' Frar 1996), kif emendat, u bħall-Artikolu 47 *octies* tad-deċiżjoni tal-Commissione Nazionale per le Società e la Borsa – Consob Nru 11971, tal-14 ta' Mejju 1999 (regolament ta' applikazzjoni tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998, dwar ir-regolamentazzjoni tal-emittenti), kif emendata, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu lill-Consob iżżid il-prezz tal-offerta pubblika ta' xiri, prevista fl-Artikolu 106 imsemmi hawn fuq meta tkun issodisfatta l-kundizzjoni li tgħid li "kien hemm kollużjoni bejn l-offerent jew il-persuni li jaġixxu bi ftehim ma' dan tal-aħħar u bejjiegħ wieħed jew iktar", mingħajr ma tispeċifika l-aġir speċifiku li jikkostitwixxi dan il-kunċett ta' kollużjoni, u għaldaqstant mingħajr ma tiddetermina b'mod ċar iċ-ċirkustanzi u l-kriterji li fil-preżenza tagħhom il-Consob hija awtorizzata żżid il-prezz tal-offerta pubblika ta' xiri?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 20.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fid-19 ta' Diċembru 2016 – Bluebell Partners Limited vs Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)**

**(Kawża C-657/16)**

(2017/C 121/16)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Bluebell Partners Limited

*Konvenuta:* Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)

**Domanda preliminari**

L-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, fuq offerti ta' xiri ([1]), fid-dawl tal-prinċipji ġenerali previsti mill-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, kif ukoll tal-applikazzjoni korretta tal-prinċipji ġenerali ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' proporzjonalità, ta' raġonevolezza, ta' trasparenza u ta' nondiskriminazzjoni, jipprekludu leġizlazzjoni nazzjonali, bħall-Artikolu 106(3)(d)(2) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998 (liġi kkonsolidata tad-dispożizzjonijiet fil-qasam ta' intermedjazzjoni finanzjarja, fis-sens tal-Artikoli 8 u 21 tal-Liġi Nru 52 tas-6 ta' Frar 1996), kif emendat, u bħall-Artikolu 47 *octies* tad-deċiżjoni tal-Commissione Nazionale per le Società e la Borsa – Consob Nru 11971, tal-14 ta' Mejju 1999 (regolament ta' applikazzjoni tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 58 tal-24 ta' Frar 1998, dwar ir-regolamentazzjoni tal-emittenti), kif emendata, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet, billi jippermettu lill-Consob iżżid il-prezz tal-offerta pubblika ta' xiri, prevista fl-Artikolu 106 imsemmi hawn fuq meta tiġi kkonstatata l-kollużjoni bejn l-offerent jew il-persuni li jaġixxu bi ftehim miegħu u bejjiegħ wieħed jew iktar, jillimitaw ruħhom li jirreferu għall-kriterju tal-"prezz ikkonstatat" mingħajr ma jispeċifikaw il-parametri u l-kriterji ta' din il-konstatazzjoni?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 20.